- *RELAZZJONI PERITALI –*
- *APPREZZAMENT TA' PROVI –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 18 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 29**

**Citazzjoni Numru: 853/94/RCP**

**George Spiteri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Spiteri Tiles Ltd.**

**vs**

**Peter Paul Testaferrata Moroni Viani ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Testaferrata Moroni Viani Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:

Illi l-konvenut nomine ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta' sitt mija, erbgha u tletin lira Maltija, tnejn u disghin centezmu (Lm634.92) rapprezentanti l-prezz ta' kwantita' ta' rham fornut lill-konvenut nomine;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenut nomine interpellat biex ihallas baqa' inadempjenti;

Illi l-konvenut nomine ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet attrici;

Ghalhekk jghid il-konvenut nomine ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1) Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-171 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2) Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm634.92 bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Mejju, 1994, u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 *et seq*. tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju 1994;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 13 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur noe *stante* li l-istess attur noe qed jippretendi hlas ta ammont ikkalkulat minnu arbitrarjament u skorrettament. liema ammont ghalhekk huwa zbaljat u m'huwiex dovut mill-konvenut noe.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mill-attur noe jirrifletti prezz akbar minn dak stiputat u inoltre fl-istess ammont l-attur noe qed jinkludi kwantita ta' rham tal-kwalita' 'Perlatin' li ma gietx ordnata mill-konvenut noe u li ma gietx fornita mill-attur noe.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mill-attur noe huwa esagerat u ghalhekk anki l-imghaxijiet ma jistghux jigu pretizi u / jew ikkalkulati fuq dan l-ammont esagerat.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 14 *et seq*. tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Novembru 1994; tal-15 ta' Marzu 1995; tat-3 ta' Novembru 1995; tas-16 ta' Frar 1996 fejn xehed l-attur noe. Il-Qorti nnominat lil A.I.C. Michael A. Refalo bhala Perit Tekniku biex jistabilixxi l-kejl tal-irham in kwistjoni kienx kollu tal-kwalita' pattwita jew inkella huwiex il-kaz li parti minnu biss hija ta' kwalita' pattwita, u biex jirrelata wkoll jekk is-somma reklamata fic-citazzjoni hijiex dovuta;

Rat in-nota tal-attur a fol. 21 li biha esebixxa zewg dokumenti;

Rat ir-rikors tal-Arkitett u Inginier Civili Michael A. Refalo fejn talab li jigi sostitwit;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' April 1996 fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi huma jaqblu illi l-A.I.C. David Pace ghandu jissostitwixxi lill-A.I.C. Michael A. Refalo bhala Perit Tekniku. Il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tas-16 ta' Frar 1996 u ezentat lill-A.I.C. Michael A. Refalo mill-inkarigu u nnominat in sostituzzjoni tieghu lill-A.I.C. David Pace li lilu taghti l-istess inkarigu u fakoltajiet; tat-28 ta' Ottubru 1996; tal-4 ta' Novembru 1996; tat-3 ta' Marzu 1997; tad-9 ta' Gunju 1997; tad-19 ta' Novembru 1997; tas-

27 ta' Marzu 1998; tal-11 ta' Mejju 1998; tal-4 ta' Novembru 1998; tal-24 ta' Marzu 1999; tal-21 ta' Gunju 1999; tas-7 ta' Frar 2000; tas-6 ta' Marzu 2000; tal-5 ta' Gunju 2000; tal-14 ta' Novembru 2000; tal-31 ta' Jannar 2001; tat-22 ta' Mejju 2001; tal-4 ta' Ottubru 2001; tat-18 ta' Ottubru 2001; tat-8 ta' Novembru 2001; tas-16 ta' Jannar 2002; u tal-14 ta' Marzu 2002 fejn Dr. Bonello rrimettiet ruhha ghar-rapport b'dan pero' li l-konvenut m'ghandux ibaghti spejjez. L-attur u Dr. Thomas Abela msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-18 ta' April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET

Illi l-kawza odjerna titratta dwar materjal ta' rham fornit mill-attur nomine illi allegatament gie mqieghed fil-proprjeta' tal-konvenut nomine. Is-somma li l-attur nomine qed jitlob hija ta' Lm634.92. Ili l-konvenut eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati peress li l-attur qed jippretendi hlas ta' ammont ikkalkulat minnu arbitrarjament u skorrettament. Inoltre' l-ammont pretiz mill-attur nomine jirrifletti prezz akbar minn dak stipulat u inoltre' fl-istess ammont l-attur nomine qed jinkludi kwantita' ta' rham tal-kwalita' 'Perlatin' li ma gietx ordnata mill-konvenut nomine u li ma gietx fornita mill-attur nomine. Kwindi subordinatament u

minghajr pregudizzju l-ammont pretiz huwa esagerat u anke l-imghaxijiet ma jistghux jigu pretizi u / jew kalkulati fuq dan l-ammont esagerat.

Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta b'digriet tat-22 ta' April 1996 innominat lill-Perit Tekniku David Pace A & C.E., in sostituzzjoni tal-A.I.C. Michael A. refalo, sabiex jistabbilixxi l-kejl ta' l-irham in kwistjoni kif ukoll biex jistabbilixxi jekk l-irham in kwistjoni kienx kollu tal-kwalita' pattwita jew inkella huwiex il-kaz li parti minnu biss hija tal-kwalita' pattwita u biex jirrelata wkoll jekk is-somma reklamata fic-citazzjoni hijiex dovuta.

Illi l-Perit Tekniku nkwadra l-azzjoni odjerna bil-mod kif gej: *"Il-kwistjoni titratta dwar materjal ta' rham fornit mill-attur nomine illi allegatament gie mqieghed fil-proprjeta' tal-konvenut nomine. Jidher car mill-ewwel illi l-attur ma kienx personalment involut fil-kejl u fil-ftehim mal-konvenut ghaliex il-pern tal-kwistjoni kollha huwa certu Louis Gauci illi kien kejjel u ttratta mal-konvenut u mbaghad mar jordna l-materjal minghand l-attur. L-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq zewg 'delivery orders', l-ewwel wiehed datat 8 ta' Jannar 1993 ghal xoghol ta' 'travertin' u t-tieni wiehed datat 29 ta' Jannar 1993 ghal xoghol tal-'Perlatin'. Iz-zewg dokumenti gew iffirmati minn Louis Gauci illi rcieva l-materjal".*

L-istess Perit Tekniku qal is-segwenti fir-rapport tieghu:

*"L-esponent jista' jikkonferma illi l-irham li gie ndikat lilu huwa ta' kwalita' wahda u cjoe' tat-'Travertin' u ghalhekk ladarba ma saritx prova konklusiva illi x'imkien hemm xi xoghol ta' 'Perlatin' illi tqieghed fl-istess perjodu u ma jistax hlief jaqbel mal-kontestazzjoni tal-konvenut fis-sens illi fuq il-post dak iz-zmien il-konvenut ircieva biss irham tat-tip 'Travertin'. Ghalkemm id-'delivery notes' ghandhom in-numru jsegwi wahda wara l-ohra, cjoe' numru 390 u numru 391 u kif ukoll illi n-numru 390 ghandu d-data tad-29 ta' Jannar, waqt illi d-'delivery note' sussegwenti hija dik numru 391 ghandha d-data antecedenti dik ta' l-ewwel wahda ghaliex fiha d-data tat-8 ta' Jannar 1993 il-provi migjuba ma kkonfermawx illi Louis Gauci qieghed irham tat-tip 'Perlatin' dak iz-zmien fil-fond 'Aquasun' fuq inkarigu tal-konvenut. L-esponent mhuwiex ser jidhol fil-kwistjoni jekk fil-fatt l-attur verament ipprovdiex dan l-irham lil Louis Gauci izda mill-provi esebiti, provi wkoll illi seta' jara fuq il-post, jirrizulta biss illi kien sar tqeghid ta' rham 'Travertin'."*

Illi kwindi minhabba tali konkluzjoni it-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine cjoe' li l-ammont pretiz mill-attur nomine jirrifletti prezz akbar minn dak stipulat u inoltre' li huwa qed jinkludi kwantita' ta' rham tal-kwalita' 'Perlatin' li ma gietx ordnata mill-konvenut nomine u li kwindi ma gietx fornita mill-attur nomine ghandha tigi milqugha.

Il-Perit Tekniku David Pace inoltre rrelata wkoll:

*"Bhala kejl il-konvenut esebixxa Dokument 'K1' li huma l-qisien illi ha hu tax-xoghol mahdum fl-ammont ta' tnax punt hamsa metri kwadri (12.5 m.k.). Pero' dana ma huwiex ix-xoghol kollu ghaliex ma hemmx il-qisien tal-bieb 'E' inkluz u fil-fatt lill-esponent jirrizultalu kejl totali ta' dan ix-xoghol kollu ta' tlettax punt wiehed metri kwadri (13.1 m.k.). Dwar rata l-konvenut xehed illi kienu ftehmu hu u l-attur illi dan it-tip ta' rham, cjoe' 'Travertin', kellu jinhadem bil-prezz ta' tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22)-il metru kwadru, liema allegazzjoni ma gietx kontradetta min-naha ta' l-attur. L-attur lanqas ressaq xhieda jew dokument simili illi kkontesta din id-dikjarazzjoni u fic-cirkostanzi l-esponent ma jistax hlief jaccetta illi l-prezz ta' dan it-tip ta' rham kien ta' tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22)-il metru kwadru. Ghaldaqstant l-esponent huwa ta' l-opinjoni illi l-ammont dovut mill-konvenut mill-konvenut nomine lill-attur nomine ghall-provvista ta' rham tat-tip 'Travertin' fil-fond 'Aquasun Lido' huwa ta' tlettax punt wiehed metri kdwadri (13.1 m.k.) li bir-rata ta' tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22)-il metru illi jaghtu valur ta' mitejn u tmienja u tmenin lira u ghoxrin centezmu (Lm288.20)".*

Illi huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**Artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti *"ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha*

*kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001), u "**Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg" (P.A. (RCP) deciza fit-28 ta' Frar, 2002 Cit Nru** 408/97/RCP)

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et* vs Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

Illi din il-Qorti taqbel ma' tali konkluzjoni li wasal ghaliha l-Perit Tekniku Pace u taghmilha taghha. B'hekk l-ammont illi l-konvenut nomine ghandu jhallas lill-attur nomine huwa ta' mitejn tmienja u tmenin lira u ghoxrin centezmu

(Lm288.20) ghall-provvista ta’ rham tat-tip ‘Travertin’ fornut lilu.

**III. KONKLUZJONI**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine**, tiddeciedi bil-mod kif gej billi **tilqa’ wkoll in parte t-talba attrici** b’dan illi:

1. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta’ mitejn tmienja u tmenin lira u ghoxrin centezmu (Lm288.20) bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta’ Mejju 1994 kontra l-konvenut nomine.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**18 ta’ April 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**18 ta’ April 2002**